

2020

Programm ta' Ħidma

**Reviżjoni u aġġornament b'segwitu
għall-pandemija tal-COVID-19**



IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx

Sit web: eca.europa.eu

Twitter: [@EUAuditors](https://twitter.com/EUAuditors)

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

DRITTIJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-per-suni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Softwer jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi hdn id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u d-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

Qasam ta' prijorità	Kategorija ta' prijorità	Isem tal-Kompitu Isem tar-Rapport	Objettivi tal-Kompitu jew Konklużjonijiet (ta' rapporti speċjali ppubblikati)
COVID-19	Prijorità għolja	Il-kontribut li l-UE tat għar-reazzjoni fil-livell tas-saħħa pubblika	Li jirrieżamina l-azzjonijiet meħuda u r-riżorsi li ntużaw mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tal-UE biex is-saħħa tal-pubbliku tiġi mħarsa b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19.
		Ir-reazzjoni tal-UE fil-livell tal-politika ekonomika	Li jirrieżamina l-miżuri u l-isfidi fil-kuntest tal-koordinazzjoni ekonomika tal-UE, filwaqt li jipprovdi rendikont komprensiv tal-azzjonijiet li l-UE u l-Istati Membri ħadu fil-livell tal-politika ekonomika biex jiġġieldu l-pandemija tal-COVID-19.
Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima	Prijorità għolja	L-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ara r-Rapport Speċjali Nru 5/2020)	Il-progress li sar lejn il-kejl u t-tnaqqis tar-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-pestiċidi fl-UE kien limitat. Bosta Stati Membri damu biex jittrasponu bis-sħiħ id-direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, filwaqt li l-inċentivi biex il-bdiewa jadottaw metodi alternattivi għadhom dgħajfa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea ma tistax timmonitorja b'mod preċiż l-effetti jew ir-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-pestiċidi.
		L-effiċjenza fl-enerġija fil-bini (ara r-Rapport Speċjali Nru 11/2020)	Il-kosteffettività mhijiex fattur determinanti f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni ta' finanzjament pubbliku għal miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija f'bini residenzjali. Minkejja li sar titjib fil-gwida pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea, il-proġetti ffinanzjati mill-UE għadhom mhumieħ iffukati fuq il-kisba tal-akbar iffrankar tal-enerġija potenzjali għal kull euro investit. Il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-finanzjament mogħti mill-UE għall-miri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni mhijiex ċara.
		Skart tal-plastik	Li jidentifika nuqqasijiet, ostakli, saħħiet u opportunitajiet li jirriżultaw mill-approċċ tal-UE biex tindirizza l-iskart tal-plastik, speċjalment l-iskart tal-plastik mill-imballaġġ.
	Prijorità	Ekodisinn u tikketti tal-enerġija (ara r-Rapport Speċjali Nru 1/2020)	L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija kkontribwiet għal effiċjenza akbar fl-enerġija. Madankollu, kien hemm dewmien sinifikanti fil-proċess regolatorju u kien hemm riskju li l-impatt tal-politika jiġi stmat b'mod eċċessiv. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' konformità mar-regolament mill-manifatturi u mill-bejjiegħa bl-imnut għadu problema sinifikanti.

Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima	Prijorità	Sikurezza nukleari (ara r-Rapport Speċjali Nru 3/2020)	B'mod ġenerali, is-sikurezza nukleari taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE li jużaw l-enerġija nukleari, iżda l-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll responsabbiltajiet speċifiċi f'dan il-qasam, prinċipalment għal-leġiżlazzjoni u s-sorveljanza. Il-Kummissjoni Ewropea ssodisfat dawn ir-responsabbiltajiet, iżda għad hemm lok biex taġġorna l-qafas legali u l-linji gwida interni tagħha.
		Teknoloġija ġdida fil-monitoraġġ tal-agrikoltura (ara r-Rapport Speċjali Nru 4/2020)	Il-Kummissjoni Ewropea ppromwoviet l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda ta' immaġni fil-monitoraġġ tal-agrikoltura, iżda għad hemm ammont ta' xkiel għall-użu aktar mifrux tagħhom. Teknoloġiji ġodda bħas-satelliti Copernicus Sentinels tal-UE għandhom il-potenzjal li jġibu bidla radikali fil-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (PAK). Madankollu, filwaqt li fi snin reċenti l-UE stimolat l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għall-valutazzjoni tal-għajjnuna diretta bbażata fuq l-erja, li tingħata lill-bdiewa, il-progress seħħ aktar bil-mod f'dak li jirrigwarda l-użu tagħhom għall-monitoraġġ tar-rekwiżiti ambjentali u klimatiċi.
		Bijodiversità agrikola	Li jivvaluta jekk l-agrikoltura żiditx il-kontribut tagħha biex il-bijodiversità tinżamm u tissaħħaħ sal-2020.
		L-infiq fuq l-azzjoni klimatika	Li jeżamina l-metodoloġija li ntużat mill-Kummissjoni biex issegwi l-infiq fuq l-azzjoni klimatika fil-baġit tal-UE sabiex jiġi ssodisfat l-impenn ta' 25 % tal-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika. L-ambitu tar-rapport analitiku jinkludi wkoll segwitu msaħħaħ tar-Rapport Speċjali Nru 31/2016.
		ETS wara l-2020	Li jivvaluta l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-ETS (l-Iskema għan-Negożjar ta' Emissjonijiet).
		Pollinaturi	Li jawditja jekk il-Kummissjoni ħaditx azzjoni effettiva biex tindirizza t-tnaqqis fil-pollinaturi.
		Ambjent tal-baħar	Li jivvaluta jekk l-azzjoni tal-UE tipproteġix b'mod effettiv l-ambjent tal-baħar mit-tniġġis u mis-sajd eċċessiv, kif ukoll billi b'mod xieraq jiġu stabbiliti żoni tal-baħar protetti.
		Produzzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib	Li jeżamina jekk il-miżuri eċċezzjonali li ttieħdu biex jiġu miġġielda d-disturbi li affettwaw is-suq tal-ħalib fil-perjodu 2014-2017 kinux imfassla b'mod xieraq u jekk kellhomx l-effett intenzjonat.

Investiment għall-Koeżjoni, it-Tkabbir u l-Inklużjoni	Priorità għolja	Investimenti tal-UE f'siti kulturali (ara r-Rapport Speċjali Nru 8/2020)	Ġew żviluppati bosta inizjattivi Ewropej biex jippromwovu s-siti kulturali. Madankollu, il-koordinazzjoni tagħhom mal-arranġamenti ta' finanzjament hija limitata wisq u l-investimenti tal-UE għandhom nuqqas ta' fokus fuq il-preżervazzjoni u s-sostenibbiltà finanzjarja ta' siti kulturali. Barra minn hekk, l-investimenti kulturali ma jiġux ittrattati bħala prijorità iżda prinċipalment bħala mezz ta' promozzjoni ta' objettivi ekonomiċi.
		In-netwerk ewlieni tat-toroq tal-UE (ara r-Rapport Speċjali Nru 9/2020)	In-netwerk ewlieni trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) ta' toroq li jippermettu sewqan veloċi qed jissaħħa u qed jikseb riżultati pożittivi għall-vjaġġaturi, bħal ħinijiet tal-ivvjaġġar iqsar u aktar mili fl-awtostradi. Il-finanzjament mill-UE u l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni Ewropea kkontribwew b'mod pożittiv għal dawn ir-riżultati, iżda l-biċċa l-kbira mill-Istati Membri tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għadhom lura u, mill-2014 'il hawn, tlestew biss madwar 400 km ta' toroq ġodda tat-TEN-T bl-appoġġ tal-UE. Barra minn hekk, l-ivvjaġġar mingħajr xkiel fit-toroq tul in-netwerk huwa mfexx minħabba sezzjonijiet transkonfinali li mhumx lesti, kif ukoll minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni f'dak li jirrigwarda l-parkeġġi u l-infrastruttura tal-karburant nadif, filwaqt li n-nuqqas ta' manutenzjoni suffiċjenti min-naħa tal-Istati Membri, matul iż-żmien, ipoġġi l-kundizzjoni tan-netwerk f'riskju.
		Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea	Li janalizza jekk l-UE kinitx effettiva fl-appoġġ tagħha ta' strateġiji nazzjonali għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija u fl-appoġġ tagħha ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali biex titkabbar l-innovazzjoni diġitali.
	Priorità	Konġestjoni urbana (ara r-Rapport Speċjali Nru 6/2020)	Sitt snin wara li l-Kummissjoni Ewropea appellat għal bidla fil-pass, ma hemm l-ebda indikazzjoni ċara li l-ibliet tal-UE qed jibdlu fundamentalment l-approċċi tagħhom għall-ivvjaġġar tan-nies madwar l-ibliet u għall-bidla tat-traffiku urban favur modi tat-trasport li huma aktar sostenibbli u li jirrispettaw aktar l-ambjent. B'mod partikolari, ma kien hemm l-ebda tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-karozzi privati u, f'haqfa bliet, it-tniġġis tal-arja għadu jaqbeż il-livelli sikuri.

Investiment għall-Koeżjoni, it-Tkabir u l-Inklużjoni	Prijorità	Implimentazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni (ara r-Rapport Speċjali Nru 7/2020)	Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) huma l-politiki prinċipali ta' investiment tal-UE, iżda l-implimentazzjoni tagħhom tiġġenera spejjeż amministrattivi. Dawn l-ispejjeż amministrattivi huma relattivament baxxi meta mqabbla ma' programmi oħra simili ffinanzjati mill-UE jew internazzjonalment. Madankollu, id- <i>data</i> li nġabret dwar l-ispejjeż ma kinitx suffiċjenti biex jiġi vvalutat l-impatt tas-simplifikazzjoni tar-regoli dwar il-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE.
		Infrastrutturi emblematiċi fil-qasam tat-trasport tal-UE	Li janalizza l-mod li bih il-Kummissjoni qed timmaniġġja l-ippjanar fuq terminu twil u l-kosteffiċjenza ta' investimenti f'infrastrutturi kbar tat-trasport.
		Faqar fost it-tfal	Li jivvaluta l-effettività tal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal.
		Għeluq tal-istrumenti finanzjarji għall-perjodu 2007-2013	Li janalizza jekk l-Istati Membri u l-Kummissjoni vvalutawx b'mod adegwat l-eliġibbiltà tal-infiq iddikjarat mill-istrumenti finanzjarji tal-FEŻR u tal-FSE fl-għeluq għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.
Sfidi relatati mal-migrazzjoni, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli globali	Prijorità	Il-Kenja	Li jivvaluta jekk l-appoġġ li l-UE tagħti lill-Kenja huwiex ikkoordinat tajjeb u komprensiv f'kuntest fejn huma involuti bosta donaturi kbar oħra.
Funzjonament Tajjeb tas-Suq Uniku u sostenibbiltà tal-Unjoni Monetarja	Prijorità għolja	Għajjuna mill-Istat għall-banek fl-UE	Li jivvaluta l-effiċjenza u l-effettività tal-infurzar tar-regoli dwar l-Għajjuna mill-Istat u l-Għajjuna mill-Fondi fl-UE mid-DĠ Kompetizzjoni.
		Skambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa	Li jivvaluta l-effettività tas-sistema stabbilita mill-Kummissjoni għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar it-taxxa.
	Prijorità	It-tħaddim tal-istrument għall-SMEs (ara r-Rapport Speċjali Nru 2/2020)	L-istrument għall-SMEs jipprovdi appoġġ effettiv fl-iżvilupp ta' proġetti ta' innovazzjoni. Ġew iffinanzjati aktar minn 5 000 proġett, u l-marka tal-UE għenet lill-SMEs biex jattiraw investiment addizzjonali. Madankollu, l-awdituri jidentifikaw ukoll oqsma ta' titjib bil-ħsieb li fl-2021 jitwaqqaf Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.
		Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ	Li jivvaluta l-applikazzjoni tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ mill-Kummissjoni Ewropea.
		Rapport analitiku dwar il-prevenzjoni ta' Kriżi Finanzjarja	Li jagħti ħarsa orizzontali lejn dak li qed tagħmel l-UE biex ittejjeb ir-reżiljenza għal kriżi finanzjarja futura.

Funzjonament Tajjeb tas-Suq Uniku u sostenibbiltà tal-Unjoni Monetarja	Priorità	Politika tal-kompetizzjoni tal-UE	Li jivvaluta l-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE fil-qasam tal-fużjonijiet, tal-kartelli u tal-antitrust.
		Prestazzjoni tal-aġenziji	Li jivverifika l-effettività tas-sistemi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni fl-Aġenziji Ewropej.
		Semestru Ewropew 2	Li jivvaluta l-mod kif il-Kummissjoni qiegħda tanalizza l-kwalità u s-sostenibbiltà tar-riformi lejn pożizzjonijiet fiskali u ekonomiċi sostenibbli u favur it-tkabbir, kif ukoll il-ħruġ ta' CSRs mill-Kummissjoni u sussegwentement mill-Kunsill.
		Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni	Li jivvaluta jekk l-SRB żgurax, ibbażat fuq manwali, proċeduri u gwida xierqa, li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' riżoluzzjoni komprensivi u li l-MREL jiġi determinat b'mod xieraq.
		Unjoni tas-Swieq Kapitali	Li jivvaluta l-oġettiv tal-Kummissjoni li tiżgura aċċess aktar faċli għal finanzjament privat għall-SMEs, permezz ta' rieżaminar tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet speċifiċi meħuda fi ħdan l-istrateġija tal-unjoni tas-swieq kapitali.
Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni b'mod responsabbli u effiċjenti	Priorità għolja	It-tfassil tal-liġijiet fl-Unjoni Ewropea wara kważi 20 sena ta' Regolamentazzjoni Aħjar	Li jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-qafas attwali "Regolamentazzjoni Aħjar" tal-Kummissjoni u li jenfasizza tagħlimiet ewlenin dwar l-għodod u l-proċeduri l-prinċipali: valutazzjoni tal-impatt, konsultazzjoni mal-partijiet interessati, monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, analiżi u evalwazzjoni <i>ex post</i> .
		Aġenda Strateġika għall-Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja	Li janalizza r-rispons tal-UE għall-Inizjattiva "Belt and Road" taċ-Ċina, b'mod partikolari l-istrateġija dwar il-konnessjoni bejn l-UE u l-Asja. L-analiżi hija ppjanata li tiġi segwita minn awditu dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni b'mod responsabbli u effiċjenti	Priorità	Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (ara r-Rapport Speċjali Nru 12/2020)	Mniedi fl-2015 bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti joffri appoġġ tekniku lill-promoturi ta' proġetti bbażati fl-UE. Il-benefiċjarji huma sodisfatti bis-servizzi ta' konsulenza mogħtija miċ-Ċentru. Madankollu, huwa għadu ma kisibx il-potenzjal sħiħ tiegħu biex jagħti spinta lill-investiment fl-UE, prinċipalment minħabba l-fatt li ma għandux strateġija li hija ċara biżżejjed biex l-appoġġ jiġi mmirat fejn jista' jipprovdi l-aktar valur miżjud.
		L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal	Li jivvaluta l-kosteffettività tal-EPSC fl-issodisfar tal-ħtiġijiet ta' reklutaġġ tal-istituzzjonijiet tal-UE. L-awditu se jkopri l-fażijiet kollha tal-proċess għas-selezzjoni, mill-ippjanar tal-kompetizzjonijiet u l-proċeduri għas-selezzjoni sal-użu li jsir mil-listi ta' riżerva.
		Ġestjoni tar-riskji doganali biex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE	Li jivvaluta jekk il-qafas, użat mill-Kummissjoni ta' kriterji u standards tar-riskji finanzjarji komuni huwiex xieraq, u jekk l-Istati Membri humiex ippreparati tajjeb biex jimplimentaw dan il-qafas biex tinkiseb armonizzazzjoni tal-għażla ta' kontrolli doganali.

DWARNA



Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-awditur estern tal-UE. Il-QEA ġiet stabbilita fl-1977, u hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet tal-UE. Is-sede tal-QEA tinsab fil-Lussemburgu u hemm madwar 900 membru tal-persunal, min-nazzjonalitajiet kollha tal-UE, impjegati f'din l-istituzzjoni fil-qasam tal-awditjar, ta' appoġġ u f'dak amministrattiv. Il-Kulleġġ tal-Qorti huwa magħmul minn Membru wieħed minn kull Stat Membru tal-UE.

Il-missjoni tagħna hija li nikkontribwixxu għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE, li nippromwovu l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza, u li nagħxxu bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-UE. Aħna nwissu dwar riskji, nipprovdu aċċertament, u niġbdu l-attenzjoni għan-nuqqasijiet kif ukoll għas-suċċessi. Aħna noffru wkoll gwida lil dawk li jfasslu l-politika u lil-leġiżlaturi tal-UE dwar kif jistgħu jtejbju l-politiki u l-programmi tal-UE.

Ir-rapporti u l-opinjonijiet tal-awditjar tagħna huma element essenzjali tal-katina ta' obbligu ta' rendikont tal-UE. Dawn jintużaw biex jitalab rendikont mingħand dawk li huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politiki u l-programmi tal-UE: il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-UE, u l-amministrazzjonijiet fl-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, permezz tal-ħidma tagħna, aħna nixtiequ ngħinu liċ-ċittadini tal-UE biex jifhmu b'mod aktar ċar kif l-UE u l-Istati Membri tagħna qed jiffaċċjaw l-isfidi attwali u tal-futur.

L-OUTPUT TAGĦNA

Aħna noħorġu:

- rapporti annwali dwar il-baġit tal-UE u dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, inkluża Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni;
- rapporti annwali speċifiċi li jippreżentaw l-opinjoni tal-awditjar finanzjarju li noħorġu dwar kull waħda mid-diversi aġenziji u korpi tal-UE;
- rapport annwali dwar aspetti tal-prestazzjoni;
- rapporti speċjali dwar suġġetti tal-awditjar magħżula, li jiġu ppubblikati matul is-sena, u li huma prinċipalment ir-risultati ta' awditi tal-prestazzjoni;
- rapporti analitiċi, li huma analiżijiet deskrittivi u informattivi tal-oqsma ta' politika jew ta' ġestjoni tal-UE;
- opinjonijiet, li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew jużaw meta jkunu qed japprovaw liġijiet tal-UE u deċiżjonijiet oħra.

KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operatori jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG
eca-info@eca.europa.eu
eca.europa.eu



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea